# Manwal dwar il-Proċessi ta' Evalwazzjoni Interna fiċ-Ċentri tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fis-Snin Bikrin

Id-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni (DKSE)

2023

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH
RESEARCH AND INNOVATION
DIRECTORATE FOR QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION

Aġġornat: Lulju 2024

Joseph Abela Scolaro Str., Ħamrun, Malta
**T** + 356 2598 1400 **E** customercare.dqse@gov.mt
education.gov.mt

# WERREJ


1. L-Għan tal-Manwal ....................................................................................5
2. Il-Proċessi ta’ Evalwazzjoni Interna u Esterna..............................................7
3. Stadji differenti li jsawru l-proċess ta’ Evalwazzjoni Interna ...........................9
4. Konklużjoni............................................................................................ 20
5. Appendiċi .............................................................................................. 21

# 1. L-Għan tal-Manwal

Fl-2021, id-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni (DKSE) nieda d-dokumenti *Standards Nazzjonali għas-Servizzi tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien Tat-Tfal fis-Snin Bikrin (0-3 snin)* u *Kriterji ta' Reġistrazzjoni għas-Servizzi tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fis-Snin Bikrin (0-3 snin)* sabiex jirriflettu żviluppi riċenti fil-qasam tal-edukazzjoni u l-ħarsien tat-tfal fis-snin bikrin (0-3 snin) (ECEC) fil-kuntest Malti. Iż-żewġ dokumenti huma għodda fundamentali li jiggwidaw liċ-Ċentri tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal bl-għan li jingħataw servizzi ta' kwalità.

Dan il-manwal huwa għodda oħra li tfassal sabiex iservi ta' gwida għaċ-ċentri tal-edukazzjoni u l-ħarsien tat-tfal u jgħinhom sabiex jippjanaw u b'hekk ikomplu jtejbu s-servizz tagħhom. Jipprovdu wkoll struttura li tista' tintuża miċ-ċentri ħalli jtejbu l-kwalità tax-xogħol tagħhom permezz ta' proċess ta' awto-evalwazzjoni. Dan il-proċess, li f'dan id-dokument qed nirreferu għalih bħala proċess ta' evalwazzjoni interna, jgħin iċ-ċentri sabiex jevalwaw il-politiki, il-prattiċi, u l-progress tagħhom, jidentifikaw l-aspetti pożittivi u jiddeterminaw x'għad hemm bżonn jitjieb.

Waqt il-proċess ta' evalwazzjoni interna, il-persuna legalment responsabbli (LRP), il-maniġer taċ-ċentru, l-edukaturi, u imsieħba oħra, fosthom il-ġenituri, jevalwaw l-edukazzjoni u l-ħarsien li jipprovdi ċ-ċentru.  Dawn l-aspetti huma indirizzati fil-Qasam ta' Kwalità 2: Il-Kwalità tat-Tagħlim u l-Ħarsien, fid-dokument L- *Standards Nazzjonali għas-Servizzi tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien Tat-Tfal fis-Snin Bikrin (0-3 snin)*. Dan il-qasam jinkludi l-kwalità tal-programm u l-ambjent tat-tagħlim, il-kwalità ta' ħarsien u appoġġ, it-tmexxija taċ-ċentru u l-parteċipazzjoni u l-kollaborazzjoni tal-ġenituri.

Dan il-manwal huwa organizzat f'żewġ taqsimiet: l-ewwel taqsima hi ddisinjata sabiex tiggwida ċ-ċentri fl-istadji varji tal-proċess tal-evalwazzjoni interna; it-tieni taqsima fiha appendiċi b'templates li jistgħu jintużaw miċ-ċentri sabiex joħolqu l-għodod tagħhom u b'hekk jiġbru d-data li jkollhom bżonn. Hu rrakkomandat li ċ-ċentri jiżviluppaw l-għodod meħtieġa tagħhom biex jiġbru d-data li jkollhom bżonn skont il-kuntest u l-bżonnijiet tagħhom.

## Terminoloġija

L-użu tal-kelma "aħna" f'dan il-manwal hija għażla konxja li saret sabiex tenfasizza attitudni inklussiva fil-proċess tal-evalwazzjoni interna fejn l-imsieħba kollha taċ-ċentru huma mħeġġa u jingħataw l-opportunità biex jipparteċipaw.

Sabiex dan il-manwal ikun jista' jinqara sew u b'ċerta faċilità,

- It-terminu ċentru/i jirriferi għaċ-ċentru/i tal-edukazzjoni u ħarsien tat-tfal.
- It-terminu 'tfal' jirreferi għal 'trabi ', 'tfal li bdew jimxu' u 'tfal żgħar'.
- It-terminu 'ġenitur/i' jirreferi għall-persuna ewlenija li tieħu ħsieb it-tifel/tifla.

## 2. Il-Proċessi ta’ Evalwazzjoni Interna u Esterna




Figura 1. *Approċċ ħolistiku lejn il-kwalità tas-servizzi tal-edukazzjoni u l-ħarsien tat-tfal.*

Hu importanti li ċ-ċentru jevalwa l-prattiki tiegħu. L-evalwazzjonijiet, kemm interni u esterni, jimxu id f’id u għandhom għan komuni. Huma jikkumplimentaw lil xulxin u jgħinuna ntejbu s-servizz tagħna. Jgħinuna nidentifikaw:

- L-aspetti tal-prattiki tagħna li sejrin tajjeb fihom.
- L-aspetti li għandna bżonn intejbu.
- L-azzjonijiet li għandhom jittieħdu sabiex ikun hemm titjib.

Il-proċess ta’ evalwazzjoni esterna jinvolvi entità esterna, li hi d-DKSE, li tevalwa l-kwalità tal-ambjent u tat-tagħlim u l-ħarsien li jkun qed jipprovdi ċ-ċentru. L-uffiċjali tad-DKSE jipprovdu perspettiva barranija f’dan il-proċess ta’ evalwazzjoni. Huma jimmonitorjaw, jevalwaw u jirregolaw iċ-ċentri permezz ta’ żjarat ta’ evalwazzjoni esterna segwiti minn rapport bil-miktub li jkun imfassal fuq id-dokument *Standards Nazzjonali għas-Servizzi tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien Tat-Tfal fis-Snin Bikrin (0-3 snin) (2021).* Dan il-proċess ta’ evalwazzjoni esterna jgħin lil dawk li jkunu qed jipprovdu dan is-servizz sabiex jirriflettu, jiffukaw, u jimplimentaw l-eżerċizzju tal-evalwazzjoni interna taċ-ċentru tagħhom u jiggwidahom sabiex jilħqu l-istandards meħtieġa.

Il-punt tat-tluq tal-proċess ta’ evalwazzjoni interna hi li jkun hemm ir-rieda li ssir bidla. Il-proċess ta’ evalwazzjoni hu mifrux fuq żewġ livelli:

- Awto-evalwazzjoni kontinwa tal-membri tal-istaff taċ-ċentru.
- Evalwazzjoni kontinwa tal-istrutturi, politiki, u prattiki taċ-ċentru mill-imsieħba kollha involuti fiċ-ċentru.

Waqt il-proċess ta’ evalwazzjoni interna, nevalwaw il-kwalità ta’ tagħlim u tal-ħarsien li jkun qed jingħata fiċ-ċentru, jiġifieri l-aspetti li jħallu impatt dirett jew indirett fuq l-esperjenzi tat-tfal tagħna, il-benesseri u l-iżvilupp tagħhom. Dawn jinkludu r-relazzjonijiet bejn l-edukaturi u t-tfal, l-attitudni integrata bejn it-tagħlim u l-ħarsien, il-prattiki pedagoġiċi ta’ kuljum, u l-involviment tal-ġenituri. Dan l-aspetti huma indirizzati fil-Qasam ta’ Kwalità 2: Il-Kwalità tat-Tagħlim u l-Ħarsien, fid-dokument *Standards Nazzjonali għas-Servizzi tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien Tat-Tfal fis-Snin Bikrin (0-3 snin) (2021).*

Proċess effettiv ta' evalwazzjoni interna jsir meta l-membri tal-istaff jistaqsu mistoqsijiet relatati mal-esperjenzi ta' tagħlim u ħarsien tat-tfal. Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jinkludu:

- It-tfal li jattendu ċ-ċentru tagħna qegħdin jibbenefikaw mill-esperjenzi ta’ tagħlim u ħarsien?
- Liema inizjattivi meħuda miċ-ċentru qed jagħmlu differenza? Kif għamlu differenza?
- Kif nistgħu ntejbu l-kwalità u l-effettività tal-prattiki tagħna u x'azzjonijiet oħra hemm bżonn li jittieħdu?

L-involviment fl-evalwazzjoni għat-titjib huwa motivat mill-ħtieġa li jsiru bidliet li jkollhom impatt pożittiv fuq it-tagħlim u l-benesseri tat-tfal kollha. Bidla bħal din hija sostnuta mill-għarfien li nistgħu nagħmlu aħjar.

L-evalwazzjoni tħares lejn il-passat u l-preżent biex tiggwida deċiżjonijiet għall-futur.

L-evalwazzjoni hija l-magna li tmexxi t-titjib u l-innovazzjoni.

## 3. Stadji differenti li jsawru l-proċess ta' Evalwazzjoni Interna

Fil-qalb tal-proċess ta' evalwazzjoni interna hemm dawn it-tliet mistoqsijiet li jistgħu jgħinu liċ-ċentru jirrifletti b'mod wiesa':

- **Kemm hu tajjeb iċ-ċentru tagħna?**
- **Kif nafu?**
- **X'nistgħu nagħmlu sabiex nitjiebu?**

Sabiex inwieġbu dawn il-mistoqsijiet, irridu naqsmu l-proċess ta' evalwazzjoni interna f'sitt stadji.

1. **Irrifletti**

Irrifletti fuq il-prattiki li hemm bħalissa fiċ-ċentru, meta mqabbla mas-sitt standards li hemm fil-Qasam ta' Kwalità 2, il-Kwalità tat-Tagħlim u l-Ħarsien.

2. **Iġbor l-evidenza**

Agħżel l-aħjar għodda sabiex tevalwa l-kwalità tat-tagħlim u l-ħarsien fiċ-ċentru.

3. **Analizza**

Ifli sew id-data miġbura u identifika dawk l-oqsma li hemm bżonn jitjiebu.

4. **Ipprijorizza**

Agħżel dawk l-oqsma li trid tiffoka fuqhom.

5. **Ħu azzjoni**

Fassal pjan ta' azzjoni b'passi ċari.

6. **Immonitorja u Evalwa**

Immonitorja u evalwa l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni.

## 3.1 IRRIFLETTI

Irrifletti u evalwa l-prattiki li qed jintużaw fiċ-ċentru tagħna u qabbluhom mal-standards 2.1-2.6 u li jinstabu fil-Qasam ta' Kwalità 2: Kwalità tat-Tagħlim u l-Ħarsien *tal-iStandards Nazzjonali għas-Servizzi tal-Edukazzjoni u l-Ħarsien Tat-Tfal fis-Snin Bikrin (0-3 snin) (2021)* (araw Appendiċi Nru. 1).

## 3.2 IĠBOR L-EVIDENZA

Agħżel l-aħjar għodda biex tevalwa il-kwalità tat-tagħlim u l-ħarsien fiċ-ċentru (ara Appendiċi 1, 2, 3, u 4).

Hemm bosta mezzi li jistgħu jintużaw sabiex jinġabar feedback dwar il-kwalità tat-tagħlim u l-ħarsien fiċ-ċentru. Dawn jgħinuna sabiex infasslu stampa oġġettiva dwar il-kwalità taċ-ċentru tagħna kif ukoll biex nifhmu kif is-servizz tagħna jista' jitjieb. Dawn jinkludu:

- Osservazzjoni tal-membri tal-istaff u t-tfal waqt l-attivitajiet.
- Ġbir ta' feedback mill-membri tal-istaff u l-ġenituri permezz ta' kwestjonarji, intervisti, u focus groups fost mezzi oħra ta' ġbir ta' data.
- Forom varji ta' dokumentazzjoni pedagoġika, inkluż il-pjan ta' attivitajiet u l-punti li joħorġu mil-laqgħat mal-membri tal-istaff.
- Il-punti li joħorġu mir-rapport tal-evalwazzjoni esterna.




**Feedback mill-Membri tal-Istaff**

Kwestjonarji, intervisti individwali, diskussjonijiet professjonali u l-punti li joħorġu mil-laqgħat mal-istaff huma għodda importanti li jistgħu jintużaw sabiex jinvestigaw il-fehmiet, il-ħsus u l-attitudnijiet tal-membri tal-istaff dwar il-kwalità tat-tagħlim u l-ħarsien fiċ-ċentru. Hu importanti li l-istaff kollu jipparteċipa f'dawn l-eżerċizzji differenti ta' feedback u evalwazzjoni għax dawn jistgħu jħallu impatt pożittiv fuq il-kwalità tax-xogħol li jkun qed isir fiċ-ċentru.

## Feedback mill-Ġenituri

Hu importanti li nirċievu feedback pożittiv u negattiv mill-ġenituri. Iż-żewġ tipi ta' feedback huma kruċjali sabiex jgħinuna niffurmaw stampa oġġettiva tat-tagħlim u l-ħarsien li t-tfal jesperjenzaw fiċ-ċentru.

Hemm bosta modi kif nistgħu niksbu l-feedback mingħand il-ġenituri:

• Nagħmlu kaxxa fejn il-ġenituri jagħtu l-feedback u s-suġġerimenti tagħhom dwar dak il-qasam li għandu jiġi indirizzat.
• Isiru intervisti individwali jew nistaqsuhom biex jimlew kwestjonarju. Dan jista' isir onlajn jew fiċ-ċentru.
• Jinġabar tagħrif mill-komunikazzjoni li ssir ta' kuljum mal-ġenituri.

## Feedback mit-Tfal

Il-feedback tat-tfal għandu valur kbir u huwa essenzjali għax jgħinna nifhmu l-esperjenzi tagħhom fiċ-ċentru u jiżgura li l-bżonnijiet tagħhom qed jintlaħqu. Hu importanti li nagħtu kas ta' dak li t-tfal jaqsmu magħna, nirrispettaw l-ideat tagħhom, il-mistoqsijiet li jagħmlulna u l-fehmiet tagħhom. Għandna niddokumentaw din l-informazzjoni bħala parti mill-proċess ta' evalwazzjoni interna. Għandna nkunu tassew konxji li rridu nieqfu, 'nisimgħu', nirrikonoxxu u nkunu miftuħa għal dak li jkunu qegħdin jgħidulna. Neħtieġu s-sabar u l-kreattività biex ninkorporaw il-vuċi tat-tfal għax b'hekk inkunu qed niksbu stampa ċara u holistika tal-prattiki li jkunu qed isiru fiċ-ċentru.

Nistgħu ninkorporaw vuċi tat-tfal, speċjalment dawk li jistgħu jikkomunikaw magħna verbalment billi:

- Nosservaw u nitħalltu magħhom waqt l-attivitajiet ta' kuljum. Nistgħu nistaqsu mistoqisijiet relevanti għall-etajiet tagħhom u nitkellmu magħhom sabiex nifhmu x'iħobbu, x'ma jħobbux u xi jkunu qed iħossu.
- Ninkoraġġuhom sabiex ipenġu jew jgħidu stejjer dwar l-esperjenzi tagħhom fiċ-ċentru. Waqt dawn l-attivitajiet nistgħu nitħalltu, nitkellmu magħhom u nistaqsuhom mistqsijiet miftuħa bħal,"X'jogħġbok f'dan iċ-ċentru?" jew " Hemm xi ħaġa li tixtieq tagħmel f'dan iċ-ċentru?" jew "Hemm xi ħaġa li ma togħġbokx fiċ-ċentru?"

- Nagħmlu feedback boards jew kaxex addattati għat-tfal fejn jistgħu jpoġġu tpinġijiet, ġugarelli, stickers bl-emozzjonijiet u li permezz tagħhom ikunu jistgħu jgħaddu dak li jkunu qed iħossu, kif ukoll l-esperjenzi tagħhom.

## Dokumentazzjoni

Dokumentazzjoni pedagoġika hija l-prattika ta' ġbir, irrekordjar u ħolqien t'evidenza tat-tagħlim u li dan ikun viżibbli. L-evalwazzjoni ta' dawn id-dokumenti, li kollha huma relatati mal-proċess tat-tagħlim tat-tfal, jgħinuna sabiex nimmonitorjaw u nirriflettu iktar fuq il-prattiki tagħna. Jagħtuna wkoll l-opportunità biex ninterpretaw il-proċess tat-tagħlim tat-tfal, u l-kwalità tal-interventi u l-interazzjoni tagħna magħhom f'dan il-proċess. Id-dokumentazzjoni pedagoġika tinkludi:

- **Osservazzjonijiet u noti miktuba fuq tfal individwali/gruppi ta' tfal.**

Hu rrakkomandat li niddedikaw biżżejjed ħin sabiex nosservaw it-tfal jesploraw l-ambjent ta' madwarhom, l-interazzjoni tagħhom mal-adulti waqt ir-rutini ta' ħarsien u waqt li jkunu qed jilagħbu.

Nistgħu nistaqsuhom dawn id-domandi:

- X'qed jagħmlu t-tfal?
- Kif qed jirreaġixxu mat-tfal l-oħra u mal-membri tal-istaff?
- X'ħiliet, interessi u bżonnijiet għandhom dawn it-tfal ?
- Kif inhuma l-interazzjonijiet tat-tfal mar-riżorsi differenti u ma' opportunitajiet oħra ta' tagħlim?

Hu important li nibnu l-ħiliet tagħna ta' osservazzjoni u niżviluppaw modi differenti sabiex niddokumentaw u ninterpretaw l-osservazzjonijiet tagħna. Hu wkoll importanti li niddokumentaw l-osservazzjonijiet tagħna f'ħinijiet differenti matul il-jum, nippruvaw metodi differenti u sabiex naraw x'qed jaħdem, filwaqt li niżguraw li dan ma jxekkel xejn mill-interazzjonijiet tagħna mat-tfal.

- **Osservazzjonijiet u noti miktuba dwar edukaturi individwali**

Wieħed mir-responsabbiltajiet tal-maniġer taċ-ċentru hu li jimmonitorja u jiggwida l-progress u kwalità tax-xogħol tal-edukaturi. Mod wieħed ta' kif dan jista' isir huwa billi jiġu osservati l-edukaturi waqt l-interazzjonijiet tagħhom mat-tfal. Il-maniġer jista' josserva l-edukaturi u l-mod kif jorganizzaw l-ambjent tat-tagħlim, kif jippjanaw u jimplimentaw l-attivitajiet tat-tagħlim, il-livell ta' impenn u parteċipazzjoni tat-tfal u l-mod kif l-edukaturi jikkomunikaw mat-tfal u l-mod kif tintuża l-lingwa.

- **Ritratti, vidjows, u awdjo-recordings**

Dawn l-għodda jgħinuna biex naraw u nisimgħu lilna nfusna waqt l-interazzjonijiet li jkollna mat-tfal. Huma joffrulna wkoll l-opportunità sabiex nanalizzaw il-mod kif it-tfal jinpenjaw ruħhom f'attivitajiet li jinvolvuhom kemm individwalment kif ukoll fi grupp, il-mod kif it-tfal jużaw ir-riżorsi li hemm fiċ-ċentru, kif ukoll il-mod kif aħna nitkellmu u ninteraġixxu mat-tfal u ma' xulxin. Dawn il-mezzi jagħtu iktar dawl dwar kif it-tfal jaħsbu, jsolvu l-problemi u l-mod kif aħna nħeġġu u nsaħħu dawn l-attivitajiet. Bil-kunsens tal-ġenituri, it-teħid tar-ritratti, vidjows qosra u awdjo-recordings huma effettivi aktar meta jkun mżewġa ma' noti miktuba li jispjegawhom.

- **Xogħol u dokumentazzjoni tat-tfal**

Dan jista' jinkludi kampjuni tax-xogħol tat-tfal u dokumentazzjoni tal-progress fl-iżvilupp tagħhom, l-interessi, l-esperjenzi u kif ukoll il-parteċipazzjoni u l-impenn tagħhom fl-opportunitajiet tat-tagħlim li jiġu provduti. Dawn jistgħu jieħdu l-forma ta' learning journeys/journals/portfolios.

Ir-Rapporti tal-Evalwazzjoni Esterna

Il-punti li joħorġu miż-żjara tal-evalwazzjoni esterna huma inklużi f'rapport li jintbagħat lil-LRP. Ir-rapport huwa magħmul mis-*Sejbiet* waqt iż-żjara, li jinkludu prattiki tajbin, *l-Azzjonijiet Meħtieġa* u l-*Azzjonijiet għandhom Jingħataw Prijorità*.

Huwa ssuġġerit li l-*Azzjonijiet Meħtieġa*, u l-*Azzjonijiet li għandhom Jingħataw Prijorità* relatati mal-kwalità tat-tagħlim u l-ħarsien ikunu inkorportati fil-proċess ta' evalwazzjoni interna. Dawn jagħtu ħarsa ċara lejn l-oqsma għat-titjib li ċ-ċentru jeħtieġ li jaġixxi fuqhom u għalhekk għandhom jiġu inklużi bħala prijoritajiet fil-pjan ta' azzjoni taċ-ċentru.

## 3.3 ANALIZZA

Issa qegħdin f'pożizzjoni li :

• Inħarsu sew lejn id-data miġbura (mill-feedback miġbur mill-edukaturi, ġenituri u t-tfal, forom differenti ta' dokumentazzjoni u l-azzjonijiet li jitniżżlu fir-rapport tal-evalwazzjoni esterna li hemm bżonn li jittieħdu fir-rigward tal-kwalità fl-esperjenzi tat-tagħlim u l-ħarsien).
• Nidentifikaw aspetti ta' prattiki li huma tajbin u għalhekk qegħdin iħallu impatt pożittiv fl-esperjenzi tat-tagħlim u l-ħarsien mogħtija lit-tfal.
• Nidentifikaw aspetti li għandna bżonn intejbu.

Dan huwa stadju li jista' joffri sfida għaliex irridu nagħmlu ġudizzji dwar dak li qed nagħmlu tajjeb u dak li hemm bżonn jitjieb. Hu importanti li f'dan l-istadju nikkollaboraw ma' xulxin, jiġifieri l-edukaturi flimkien  mal-maniġer taċ-ċentru (u jekk hu possibbli, mal-LRP) u li l-ġudizzji tagħna jkunu ssostanzjati b'evidenza li nkunu ġbarna mill-proċess tal-evalwazzjoni. Dan il-proċess huwa effettiv l-aktar meta kulħadd ikollu l-istess viżjoni ta' x'inkunu rridu miċ-ċentru tagħna meta t-tim jaħdem tajjeb flimkien u meta l-membri kollha tal-istaff huma impenjati għat-titjib.

Tabella 1 li nsibu hawn taħt tista' tgħin liċ-ċentru jorganizza d-data li tkun inġabret f'żewġ sezzjonijiet: *Oqsma Pożittivi u Oqsma għal Titjib*.

| Oqsma Pożittivi<br><br>*( Eż: prattiki li huma tajbin, politiki li qed jiġu segwiti tajjeb, il-progress li qegħdin jagħmlu t-tfal )* | Oqsma għal Titjib<br><br>*(Eż: prattiki li hemm bżonn jitjiebu, politiki li mhux qed jiġu segwiti sew, programmi ta' tagħlim li għandhom ikunu iktar iċċentrati fuq it-tfal...)* |
|---|---|
| 1.<br>2.<br>3. | 1.<br>2.<br>3. |

Tabella 1*: Id-data li nġabret organizzata f'żewġ sezzjonijiet: Oqsma Pożittivi u Oqsma għal Titjib.*

## 3.4 IPPRIJORITIZZA

L-oqsma ta' prijorità li se niffokaw fuqhom fix-xhur li ġejjin għandhom jintagħżlu mill-*Oqsma għal Titjib* li huma elenkati f'Stadju 4.3. Hu rrakkomandat li jintagħżlu biss ftit prijoritajiet għal titjib (idealment tnejn jew tlieta). It-tabella li tidher hawn taħt tista' tipprovdi eżempju ta' kif nistgħu nidentifikaw oqsma ta' prijorità.

| |
|---|
| Eżempju:<br><br>Il-Baby Childcare Centre għaddej bil-proċess ta’ evalwazzjoni interna. Il-maniġer taċ-ċentru ġabar feedback minn imsieħba (ġenituri u edukaturi) u għodod (intervisti u osservazzjonijiet) differenti. Il-figura li tidher hawnhekk tindika erba’ oqsma li għandhom bżonn jitjiebu: |
| **Oqsma għal Titjib** |
| 1. L-esperjenzi ta’ tagħlim li qed jiġu offruti lit-tfal mhumiex ibbażati fuq l-interessi tat-tfal u li jkunu qed jevolvu fit-tfal.<br>2. L-edukaturi qed ikollhom diffikultà jassessjaw il-progress u l-iżvilupp tat-tfal.<br>3. Il-ġenituri ma jikkoperawx mal-membri tal-istaff.<br>4. Għandhom jinxtraw iktar riżorsi sabiex jimpenjaw iktar lit-tfal. |
| Il-membri tal-istaff iddeċidew li jiffokaw fuq Standard 2.3 u għażlu l-Oqsma għal Titijb 1 u 2 minħabba li qed isibu diffikultajiet kbar biex jippjanaw l-esperjenzi ta’ tagħlim u meta jiġu biex jassessjaw l-iżvilupp tat-tfal li jattendu ċ-ċentru. |
| **Prijoritajiet** |
| Prijorità 1: L-ippjanar ta' esperjenzi ta' tagħlim li huma bbażati fuq l-interessi emerġenti tat-tfal.<br>Prijorità 2: Prattiki ta’ assessjar li jinnutaw u jagħrfu t-tagħlim tat-tfal, u jirrispondu għalih. |

Tabella 2. *Identifikazzjoni ta’ Oqsma għal Titjib u Prioritajiet.*

## 3.5 ĦU AZZJONI

Wara li jkunu ntagħżlu l-prijoritajiet, ikun hemm bżonn li jitfassal Pjan t'Azzjoni bi stadji ċari sabiex jiddeterminaw kif dawn il-prijoritajiet se jiġu indirizzati. Il-prijoritajiet u l-istadji għandhom ikunu speċifiċi, kapaċi li jintlaħqu u miktubin b'mod ċar. L-LRP u l-maniġer taċ-ċentru għandhom jiżguraw li r-riżorsi meħtieġa (finanzjarji, organizzazzjonali u umani) huma disponibbli sabiex jindirizzaw il-prijoritajiet.

Finalment, huwa importanti li tinżamm dokumentazzjoni tal-azzjonijiet li jittieħdu u li l-istadji kollha li qed jiġu eżegwiti. Din l-evidenza tista' tinkludi noti u osservazzjonijiet tal-edukaturi, ritratti, portfolios learning journal/journeys u awdjo recordings fost l-oħrajn.

Hawn taħt għandna eżempju ta' Pjan t'Azzjoni, żviluppat minn Baby Childcare Centre sabiex jindirizzaw il-prijoritajiet tagħhom.

| PJAN T'AZZJONI | | | |
|---|---|---|---|
| **Prijorità 1:**<br>**L-ippjanar ta' esperjenzi ta' tagħlim li huma bbażati fuq l-interessi emerġenti tat-tfal [Standard 2.3].** | | | |
| **Azzjoni** | **Passi li għandhom jittieħdu** | **Żmien Meħtieġ** | **Monitoraġġ u Evalwazzjoni** |
| Organizza taħriġ rigward pjanar u osservazzjonijiet | Il-maniġer taċ-ċentru jorganizza taħriġ professjonali għall-edukaturi rigward:<br>- Ippjanar li huwa bbażat fuq l- | **Ottubru sa Diċembru** | *Il-maniġer taċ-ċentru jrid jimmonitorja u jevalwa fuq bażi regulari li l-istadji varji jkunu qed jitwettqu fiż-żmien stipulat.*<br><br>It-taħriġ kien organizzat fil-15 ta' Novembru 20XX mill-aġenzija XXX ECEC u kien intitolat *"Kif tippjana opportunitajiet ta' tagħlim ibbażati fuq l-interessi tat-tfal u mill-* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | interessi emerġenti għat-tfal.<br>- Osservazzjonijiet tat-tfal u kif iżommu noti qosra. | | *osservazzjonijiet tal-edukaturi."*<br><br>F'każ ta' bdil fil-membri tal-istaff tinżamm sessjoni oħra ta' taħriġ. |
| Osserva, irrekordja u żviluppa attivitajiet ta' tagħlim. | L-edukaturi josservaw lit-tfal tal-grupp tagħhom u jieħdu noti fuq l-interessi u l-bżonnijiet emerġenti tat-tfal tal-grupp tagħhom, kif ukoll il-progress u l-iżvilupp tagħhom.<br><br>L-edukaturi jiżviluppaw proġett u jippjanaw numru ta' esperjenzi ta' tagħlim bbażati fuq l-interessi u l-bżonnijiet emerġenti tat-tfal tal-grupp tagħhom, kif ukoll il-progress u l-iżvilupp tagħhom. | **Jannar** | Il-maniġer taċ-ċentru jiċċekkja l-pjan tal-attivitajiet u l-esperjenzi ta' tagħlim u jipprovdi l-feedback qabel l-implimentazzjoni tagħhom. |
| Implementazzjoni tal-attivitajiet ippjanati. | L-edukaturi jwettqu l-attivitajiet skont il-pjanijiet imfassla. | **Frar sa Ġunju** | Il-maniġer taċ-ċentru tosserva l-attivitajiet u tieħu noti sabiex tagħti l-feedback tagħha lill-edukaturi.<br><br>Il-feedback jingħata kemm individwalment u/jew inkella fi grupp. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Evalwa u ddeċiedi fuq miżuri li għandhom jittieħdu. | Issir laqgħa sabiex jiġu diskussi u evalwati l-benefiċċji li joħorġu mill-inizjattivi meħuda. | **Ġunju** | Wara d-diskussjoni, il-maniġer taċ-ċentru jiddeċiedi u jgħarraf lill-edukaturi kif iċ-ċentru se jimxi 'l quddiem. |

*Tabella 3: L-Action Plan taċ-Ċentru.*

### 3.6 IMMONITORJA U EVALWA

Il-proċess ta' evalwazzjoni interna jkompli permezz ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjan t'Azzjoni. Dan hu bżonnjuż biex l-LRP u/jew il-maniġer taċ-ċentru jistgħu jiżguraw li l-oqsma ta' prijorità għal titjib ikunu qed jintlaħqu. Hu possibbli li waħda mill-prijoritajiet ma tintlaħaqx fiż-żmien stipulat. F'dan il-każ, jista' jkun hemm bżonn li l-istadji jkunu jridu jiġu reveduti u jerġa' jiġi deċiż meta se jitwettqu.

## 4. Konklużjoni

L-evalwazzjoni interna tgħinna naħsbu iktar fil-fond dwar l-impatt ta' dak li nkunu qed nagħmlu. Tgħinna nirriflettu dwar l-istrutturi, il-politiki u l-prattiki tagħna, u tinkoraġġina sabiex niffokaw fuq it-tfal, kif ukoll fuq l-esperjenzi ta' tagħlim u ħarsien li jkunu qed jibbenefikaw minnhom meta jkunu qed jattendu ċ-ċentru tagħna. Proċess effettiv ta' evalwazzjoni interna għandu l-potenzjal li jittrasforma xogħolna u jtejjeb il-prattiki tagħna u s-servizz li noffru lit-tfal tagħna.

### Nota bene

Id-DKSE iżomm id-dritt li jagħmel il-bidliet jew l-aġġornamenti tekniċi lil dan il-Manwal minn żmien għall-ieħor. Il-verżjoni l-iktar aġġornata ta' dan il-Manwal tkun disponibbli fis-sit elettroniku tad-DKSE.

# 5. Appendiċi

## Appendiċi 1: Punti għall-maniġers taċ-ċentru u l-edukaturi sabiex iqanqlu riflessjoni

### Standard 2.1

**Il-ħiliet, l-għarfien u l-abbilitajiet effettivi tat-tmexxija tal-maniġer taċ-ċentru jgħinu sabiex jingħataw edukazzjoni u ħarsien li jilħqu l-istandards meħtieġa**

| Indikaturi | Punti għal riflessjoni għall-maniger taċ-centru: |
|---|---|
| Il-maniġer iwettaq b'mod effettiv ir-responsabbiltajiet tiegħu kif definit fid-deskrizzjoni tal-irwol tiegħu fi Standard 1.1.<br><br>• Il-maniġer jippromwovi b'mod attiv il-filosofija taċ-ċentru u jiżgura li din tirrifletti l-leġislazzjoni, il-politiki, l-istandards u l-istrateġiji nazzjonali u li tirrispetta l-iżvilupp ħolistiku tat-tfal.<br><br>• Il-maniġer jiżgura li ċ-ċentru għandu viżjoni ċara b'miri u oġġettivi definiti li l-imsieħba kollha jaqblu fuqhom.<br><br>• Il-maniġer jippromwovi etos ta' professjonaliżmu u kollaborazzjoni.<br><br>• Il-maniġer huwa konxju mill-oqsma pożittivi kif ukoll mill-isfidi taċ-ċentru u jispira mpenn mill-membri tal-istaff għal titjib kontinwu.<br><br>• Il-maniġer jiżgura li l-proċessi ta' evalwazzjoni interna qegħdin | Kemm:<br><br>a) Naċċetta ilmenti magħmula b'intenzjoni tajba jew suġġerimenti dwar kif jista' jitjieb ix-xogħol?<br><br>b) Ninkoraġġixxi diskussjonijiet fil-miftuħ dwar kif tista' titjieb il-kwalità tax-xogħol?<br><br>c) Inħossni fdat mil-LRP u l-membri tal-istaff?<br><br>d) Jien mexxej u maniġer effettiv?<br><br>e) Nirrifletti u nevalwa xogħli kuljum?<br><br>f) Nikkontribwixxi sabiex iċ-ċentru iwettaq il-prijoritajiet tiegħu?<br><br>g) Jien sodisfatt bil-mod kif nikkomunika/ nikkolabora mal-LRP, mal-membri tal-istaff u l-ġenituri?<br><br>h) Immexxi 'l quddiem u naqsam il-viżjoni taċ-ċentru? |

| | |
|---|---|
| f'posthom u qed jintużaw sabiex ikun hemm titjib fil-kwalità tas-servizz provdut.<br><br>• Il-maniġer jippromwovi prattiki riflessivi u jappoġġja lil kull min jaħdem fiċ-ċentru, inkluż membri ġodda tal-istaff sabiex kontinwament itejbu l-prattiki tagħhom.<br><br>• Il-maniġer kontinwament jirrifletti fuq il-prattiki tiegħu, jikkonsulta mal-imsieħba differenti u jaġixxi skont il-feedback li jirċievi.<br><br>• Il-maniġer jistabbilixxi sħubija kollaborativa mal-ġenituri, ħaddiema, professjonisti, kif ukoll mal-komunita' sabiex iħares u jippromwovi d-drittijiet tat-tfal u l-iżvilupp ħolistiku tagħhom.<br><br>• Il-maniġer jiżgura pjanar u implimentazzjoni effettiva tar-rakkomandazzjonijiet tad-DKSE.<br><br>• Il-maniġer iżomm amment tal-progress ġenerali tat-tfal u li dan ikun qed jilħaq l-aspettativi kurrikulari. | i) Ninkoraġġixxi kollaborazzjoni u ħidma flimkien bħala tim?<br><br>j) Niffaċċjaw sitwazzjonijiet problematiċi bħala tim?<br><br>k) Nappoġġja l-membri kollha tal-istaff sabiex itejbu l-prattiċi tagħhom kontinwament?<br><br>l) Niżgura li r-rakkomandazzjonijiet kif elenkati fir-rapport tal-evalwazzjoni esterna qed jiġu implimentati? |

## Standard 2.2

**It-tfal kollha huma milqugħa u inklużi f'ambjent li huwa akkoljenti għat-tfal u bbażat fuq il-logħob u li jrawwem it-tagħlim u l-iżvilupp.**

| Indikaturi | Punti għal riflessjojni għall-maniġer taċ-ċentru u l-edukaturi: |
|---|---|
| • Iċ-ċentru huwa mpenjat li jilqa' t-tfal kollha, hi x'inhi r-razza, kulur tal-ġilda, ġeneru, lingwa, fidi, etniċità u diżabilità.<br><br>• Iċ-ċentru jipprovdi ambjent ta' tagħlim ibbażat fuq logħob.<br><br>• Iċ-ċentru jiżgura li t-tfal kollha jkollhom aċċess ekwu għall-opportunitajiet ta' tagħlim li jkunu qed jiġu offruti.<br><br>• Iċ-ċentru jelimina l-ostakli li jistgħu jxekklu l-aċċess għall-opportunitajiet ta' tagħlim.<br><br>• It-tfal għandhom jiġu ttratti bħala individwi kompetenti, li jistgħu jikkomunikaw, iħossuhom kunfidenti li jesprimu u jagħmlu għażliet.<br><br>• L-edukaturi jimmonitorjaw u jżommu rendikont tat-tagħlim, l-iżvilupp u l-progress ta' kull tifel u tifla sabiex issaħħu l-oqsma pożittivi, jindirizzaw il-fatturi ta' sogru u jipprovdu l-appoġġ fejn hemm bżonn. | Kemm:<br><br>a) Nippromwovu b'mod attiv l-ekwità u d-diversità?<br><br>b) Jifhmu sew il-membri kollha tal-istaff il-politika taċ-ċentru fuq l-inklużjoni?<br><br>c) Jista' ċ-ċentru jsaħħaħ l-etos u l-kultura tiegħu t'inklużjoni?<br><br>d) Kemm huwa inklussiv l-ambjent ta' tagħlim?<br><br>e) Iħossuhom milqugħa u inklużi t-tfal u l-ġenituri kollha?<br><br>f) Qiegħed jilħaq il-programm ta' tagħlim il-bżonnijiet tal-gruppi differenti ta' tfal?<br><br>g) Għandhom aċċess l-edukaturi għal żvilupp professjonali effettiv sabiex ikunu jistgħu jilħqu l-bżonnijiet diversi tat-tfal?<br><br>h) Qed ninvolvu l-ġenituri u l-professjonisti esterni (eż: l-Early Intervention Practitioners) sabiex niżguraw li t-tfal kollha jibbenefikaw mill-aħjar appoġġ u fil-ħin opportun? |

| | |
|---|---|
| • Iċ-ċentru jipprovdi opportunitajiet għat-tfal kollha sabiex jitgħallmu dwar, u f'ambjent diġitali.<br><br>• Iċ-ċentru jrawwem relazzjonijiet ta' sħubija mal-ġenituri u imsieħba oħra sabiex ikun hemm tranżizzjonijiet bla xkiel u li jirrispettaw il-karatteristiċi individwali tat-tfal.<br><br>• Iċ-ċentru jopera sistema ta' edukatur ewlieni magħżul. L-edukaturi jieħdu r-responsabbiltà tal-benessere in ġenerali, kif ukoll il-bżonnijiet individwali tat-tfal fdati lilhom. Il-membri tal-istaff juru approċċ ta' appoġġ bejniethom sabiex jimplimentaw is-sistema ta' edukaturi ewlieni magħżul.<br><br>• Iċ-ċentru jrawwem komunikazzjoni ma' professjonisti esterni u/jew aġenziji oħra fejn hemm bżonn bil-għan li jiksbu l-aqwa appoġġ għall-benefiċċju tat-tfal kollha. | i) Qegħdin nidentifikaw u jirnexxielna negħlbu dak kollu li qed ixekkel lit-tfal milli jieħdu sehem attiv fl-esperjenzi ta' tagħlim?<br><br>j) Qed tkun effettiva s-sistema ta' edukatur ewlieni magħżul?<br><br>k) Huma t-tranżizzjonijiet imfassla sew għal kull tifel u tifla ? |

## Standard 2.3

**Il-kurrikulu jgħin lit-tfal jagħmlu progress u jiksbu l-kisbiet mixtieqa tat-tagħlim bil-pass tagħhom.**

| Indikaturi | Punti għal riflessjoni għall-maniġer taċ-ċentru u l-edukaturi: |
|---|---|
| | Kemm: |
| • Il-ħames kisbiet wiesgħa tat-tagħlim taċ-Ċiklu tas-Snin Bikrin jiggwidaw il-pedagoġija tal-edukaturi u l-kurrikulu taċ-ċentru.<br><br>• L-edukaturi jimplimentaw kurrikulu mfassal biex:<br>○ jirrispondi għall-interessi, il-ħiliet u l-kapaċitajiet differenti tat-tfal;<br>○ jipprovdi ambjent ta' tagħlim pożittiv li jirrispetta l-iżvilupp ħolistiku ta' kull tifel u tifla;<br>○ jirrifletti fehim tat-tagħlim u l-iżvilupp li huwa konsistenti mar-riċerka, it-teorija u l-prattiki attwali fl-ECEC ta' kwalità.<br><br>• Il-logħob huwa l-mezz ċentrali li permezz tiegħu t-tfal jitgħallmu u jiżviluppaw.<br><br>• Il-kurrikulu taċ-ċentru huwa infurmat minn prattiki awtentiċi ta' assessjar li jinnutaw, jirrikonoxxu t-tagħlim tat-tfal u jirrispondu għalih, u b'hekk irawmu aktar tagħlim: | a) Jappoġġjaw lit-tfal l-edukaturi biex jieħdu responsabbiltà għat-tagħlim u l-progress tagħhom?<br><br>b) Qed jiżviluppaw attitudni pożittiva għat-tagħlim it-tfal tagħna?<br><br>c) Qed nimmotivaw u ninvolvu lit-tfal kollha?<br><br>d) Qed jagħmlu progress fit-tagħlim tagħhom it-tfal kollha?<br><br>e) Huma l-proċessi tagħna tal-ippjanar, l-evalwazzjoni u r-rappurtar effettivi biex jgħinuna ntejbu l-programmi ta' tagħlim tagħna?<br><br>f) Jifhmu l-edukaturi l-iskop tal-proċess ta' osservazzjoni/dokumentazzjoni tat-tagħlim tat-tfal?<br><br>g) Qed nippjanaw u nimplimentaw attivitajiet ta' tagħlim li huma rilevanti u impenjattivi għat-tfal kollha?<br><br>h) Qed nippjanaw u nimplimentaw attivitajiet ta' tagħlim li jħeġġu lit-tfal jaħdmu b'mod indipendenti u kollaborattiv?<br><br>i) Qed jintużaw il-ħames kisbiet wiesgħa tat-tagħlim bħala gwida matul il-proċessi tal-ippjanar, l-implimentazzjoni u ż-żamma tar-rekords? |

| | |
|---|---|
| ○ ippjanar li jkun infurmat mill-osservazzjonijiet tat-tfal mill-edukaturi;<br>○ ippjanar li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent tal-interessi, l-ħtiġijiet u l-ħiliet differenti tat-tfal;<br>○ ippjanar li huwa flessibbli u li jirrispondi għall-interessi, ideat u dispożizzjonijiet emerġenti tat-tfal.<br><br>• L-edukaturi jirriflettu u jevalwaw il-prattiki tagħhom biex:<br>○ jidentifikaw dak li rnexxa u jekk it-tfal tgħallmux jew le;<br>○ Jibnu fuq dak li diġà jafu t-tfal, jimmodifikaw jew jestendu l-esperjenzi ta' tagħlim biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' kull tifel u tifla b'modi sinifikanti u relevanti. | |

## Standard 2.4

**L-ambjent u r-riżorsi jappoġġjaw il-logħob, it-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal.**

| Indikaturi | **Punti għal riflessjoni għall-maniger taċ-ċentru u l-edukaturi:** |
|---|---|
| • Isir użu tajjeb mill-opportunitajiet li joffri l-ambjent fiżiku biex jiġu żgurat li t-tfal:<br>○ ikollhom aċċess għal żoni storbjużi tal-logħob, kif ukoll spazji kwieti fejn it-tfal jistgħu jmorru biex jistrieħu jew jieħdu nagħsa qasira, | Kemm:<br><br>a) Huma mgħammra ż-żoni ta' ġewwa u ta' barra taċ-ċentru tagħna biex jissodisfaw il-bżonnijiet tat-tfal kollha? |

| | |
|---|---|
| ○ jesperjenzaw spazji ta' tagħlim li jistimulaw u li jistiednu lit-tfal biex jistaqsu, jesperimentaw u jesploraw firxa ta' riżorsi u materjali,<br>○ ikollhom opportunitajiet biex jimpenjaw ruħhom, jikkomunikaw, joħolqu u jitgħallmu permezz ta' teknoloġija diġitali adattata għall-età tagħhom,<br>○ jibbenefikaw kemm mill-ispazji ta' ġewwa kif ukoll dawk ta' barra biex jestendu u jvarjaw l-esperjenzi ta' tagħlim skont l-interessi li qed jevolvu tat-tfal.<br><br>• Ir-riżorsi ta' ġewwa u ta' barra huma aċċessibbli u jintużaw b'mod effettiv biex jistimulaw, jikkonsolidaw u jestendu t-tagħlim tat-tfal.<br><br>• Ir-riżorsi għandhom jinkludu materjali naturali u/jew riċiklabbli biex jistimulaw il-kreattività u l-immaġinazzjoni tat-tfal u jippromwovu mentalità ta' sostenibbiltà.<br><br>• Ix-xogħol u l-kisbiet tat-tfal jintwerew b'mod kreattiv f'modi li huma aċċessibbli għat-tfal u l-ġenituri. | b Qed jistimulaw u jistiednu lit-tfal biex jistaqsu, jesperimentaw u jesploraw iż-żoni ta' ġewwa u ta' barra taċ-ċentru tagħna?<br><br>c) Huwa mgħammar iċ-ċentru tagħna b'varjetà wiesgħa ta' riżorsi, inklużi kotba, rivisti, materjali tal-karta u tal-kitba, blokki, materjali biex jgħinu fl-iżvilupp ta' fine u gross motor skills, riżorsi ta' logħob bir-ramel/ilma, riżorsi għal role play, riżorsi ta' mużika,arti u tal-artiġjanat?<br><br>d) Huma aċċessibbli u użati b'mod effettiv ir-riżorsi ta' ġewwa u ta' barra biex jistimulaw, jikkonsolidaw u jestendu t-tagħlim tat-tfal?<br><br>e) Jappoġġja tipi differenti ta' logħob eż. logħob indipendenti, logħob parallel, logħob immaġinattiv, logħob kostruttiv l-ambjenti taċ-ċentru tagħna?<br><br>f) Jintwera b'mod kreattiv ix-xogħol tat-tfal b'mod li jkun aċċessibbli għat-tfal u l-ġenituri? |

## Standard 2.5

**L-edukaturi jrawmu relazzjonijiet b'saħħithom mat-tfal u jinvolvu ruħhom f'interazzjonijiet ta' kwalità għolja, pjaċevoli u stimulanti biex itejbu l-benesseri, it-tagħlim u l-iżvilupp tagħhom.**

| Indikaturi | Punti għal riflessjoni għall-maniġer taċ-ċentru u għall-edukaturi: |
|---|---|
| • L-edukaturi joħolqu relazzjonijiet rispettużi, li jagħtu importanza 'l ħarsien u s-sigurità tat-tfal. | Kemm:<br>a) Qed niżviluppaw relazzjonijiet rispettużi, li jagħtu importanza 'l ħarsien u s-sigurità tat-tfal? |
| • L-edukaturi jinteraġixxu mat-tfal b'kura u ħarsien. Huma sensittivi, reattivi, prevedibbli, kif ukoll ġentili waqt ir-rutini ta' ħarsien fiżiku. Jisimgħu lit-tfal, japprezzaw dak li jgħidu, u jistimulaw il-komunikazzjoni verbali f'kull ħin. | b) Nużaw konverżazzjonijiet u interazzjonijiet mat-tfal waqt rutini ta' ħarsien fiżiku bħala opportunitajiet ta' tagħlim pjaċevoli u sinifikanti? |
| • L-edukaturi jippromwovu interazzjonijiet pożittivi fost it-tfal biex irawmu relazzjonijiet bejniethom. | c) Aħna sensittivi, reattivi, prevedibbli u ġentili waqt ir-rutini ta' ħarsien fiżiku? |
| • L-edukaturi jimminimizzaw is-sorsi ta' stress fil-ħajja ta' kuljum tat-tfal fiċ-ċentru u jgħinuhom billi jżommu ambjent kalm u rispettuż. | d) Nisimgħu lit-tfal, napprezzaw dak li jgħidu, u nistimulaw il-komunikazzjoni verbali? |
| • L-edukaturi irawmu ambjent rikk fil-lingwa li jappoġġja l-iżvilupp bilingwi tat-tfal bil-Malti u bl-Ingliż u jippromwovi attitudnijiet pożittivi lejn il-lingwi tat-tfal. | e) Inrawmu ambjent rikk fil-lingwa li jappoġġja l-iżvilupp bilingwi tat-tfal bil-Malti u bl-Ingliż?<br>f) Nippromwovu attitudnijiet pożittivi lejn il-lingwi tad-dar tat-tfal? |
| • L-edukaturi jadottaw Approċċ ta' Mġiba Pożittiva fiċ-ċentru biex | |

| | |
|---|---|
| jindirizzaw imġiba diffiċli, b'modi li jirrispettaw id-dinjità tat-tfal żgħar.<br><br>• L-edukaturi jinkoraġġixxu l-indipendenza matul ir-rutini kollha tal-ħarsien personali. Waqt il-ħin tal-ikel, l-edukaturi jingħaqdu mat-tfal u, jekk ikun hemm bżonn l-għajnuna, jassistu bl-aħjar mod li jissodisfa l-ħtiġijiet individwali tat-tfal.<br><br>• L-edukaturi jiggwidaw u jappoġġjaw lit-tfal biex jiksbu abbiltajiet ta' ħarsien personali u jżidu l-indipendenza.<br><br>• L-edukaturi jsaħħu l-ħiliet ewlenin tal-ħajja tat-tfal u jappoġġjaw il-kapaċità tagħhom li jiffokaw, jippjanaw u jiksbu riżultati, jadattaw għal sitwazzjonijiet li jinbidlu u jirreżistu mġiba impulsiva. | g) Nadottaw strateġiji pożittivi biex nindirizzaw imġiba ta' sfida b'modi li jirrispettaw id-dinjità tat-tfal?<br><br>h) Inħeġġu l-indipendenza matul ir-rutini kollha tal-ħarsien fiżiku? |

## Standard 2.6

**Iċ-ċentru jilqa' lill-ġenituri u jrawwem sħubija kollaborattiva biex jappoġġjaw il-benesseri, it-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal.**

| Indikaturi | Punti għal riflessjoni għall-maniġer taċ-ċentru u l-edukaturi: |
|---|---|
| Iċ-ċentru jilqa' l-preżenza u l-involviment attiv tal-ġenituri speċjalment matul l-istadji inizjali fejn it-tfal ikollhom bżonn jissetiljaw fiċ-ċentru. | Kemm:<br><br>a) Inqisu l-kollaborazzjoni mal-ġenituri bħala aspett importanti tax-xogħol tagħna? |

| | |
|---|---|
| • Iċ-ċentru jipprovdi opportunitajiet kemm għal esperjenzi informali kif ukoll għal avvenimenti ppjanati fejn jinvolvu lill-ġenituri b'mod attiv bħala sħab fil-vjaġġ edukattiv tat-tfal tagħhom, filwaqt li jrawmu komunità ta' tagħlim.<br><br>• L-edukaturi regolarment jaqsmu u jiddiskutu mal-ġenituri individwali l-progress tat-tagħlim u l-iżvilupp ħolistiku tat-tfal tagħhom fi spirtu ta' rispett reċiproku. Isiru laqgħat formali ma' kull ġenitur mill-inqas darbtejn fis-sena.<br><br>• Kwalunkwe tħassib dwar l-iżvilupp ġenerali tat-tfal għandu jiġi diskuss mal-ġenituri kkonċernati permezz tal-involviment tal-maniġer taċ-ċentru.<br><br>• Il-membri tal-istaff jipprovdu lill-ġenituri b'informazzjoni dwar ir-rutina ta' kuljum tat-tfal.<br><br>• Iċ-ċentru jippromwovi u jikkultiva l-kontinwità tat-tagħlim u l-iżvilupp filwaqt li jiżgura tranżizzjonijiet bla xkiel għal kull tifel u tifla.<br><br>• Il-ġenituri huma mħeġġa jipprovdu ikel u xorb tajjeb għas-saħħa u nutrittiv għal uliedhom biex jappoġġjaw iċ-ċentru fil-promozzjoni ta' dieta tajba għas-saħħa u f'konformità mal-politiki nazzjonali u dawk taċ-ċentru.<br><br>• Iċ-ċentru jippromwovi l-użu tat-teknoloġija biex jissaħħu r- | b) Aħna sodisfatti bil-kollaborazzjoni tagħna mal-ġenituri?<br><br>c) Għandna skambju ta' informazzjoni li huwa miftuħ u reċiproku mal-ġenituri dwar uliedhom?<br><br>d) joffri ċ-ċentru tagħna opportunitajiet ta' appoġġ u titjib tal-ħiliet tal-ġenituri?<br><br>e) Għandna prattiki fis-seħħ biex niżguraw li l-ġenituri kollha jkollhom diskussjonijiet regolari mal-edukatur ewlieni maħtur tagħhom biex jirrevedu l-progress u l-iżvilupp tat-tfal tagħhom?<br><br>f) Għandna proċessi effettivi li jgħinu tfal ġodda jsiru familjari maċ-ċentru u jiżviluppaw relazzjonijiet pożittivi bejn il-ġenituri u l-edukaturi?<br><br>g) Naħdmu mal-ġenituri biex niżguraw li t-tranżizzjonijiet jiġu personalizzati, ippjanati minn qabel, u ttrattati b'mod sensittiv? |

| | |
|---|---|
| relazzjonijiet bejn il-ġenituri, il-familji, iċ-ċentru u t-tfal żgħar. | |

## Appendiċi 2

# Kwestjonarju lill-ġenituri għal feedback

| | Indika l-fehmiet tiegħek b' ✔ fil-kolonna li tħoss li hija l-aktar adattata. | Naqbel | Minix ċert/Xi kultant | MJa naqbilx |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Il-membri tal-istaff jilqgħuni fiċ-ċentru u jisimgħu kull tħassib li jista' jkolli. | | | |
| 2 | L-ambjent fiżiku taċ-ċentru jilqgħek u jappella lit-tfal. | | | |
| 3 | Il-ċentru huwa nadif u miżmum tajjeb. | | | |
| 4 | It-tifel/tifla tiegħi huma siguri fiċ-ċentru. | | | |
| 5 | Iċ-ċentru jieħu ħsieb l-imġiba tat-tifel tiegħi b'mod effettiv. | | | |
| 6 | Il-maniġer taċ-ċentru hija disponibbli meta jkun meħtieġ. | | | |
| 7 | It-tifel /tifla tiegħi qed jagħmlu progress tajjeb. | | | |
| 8 | Naf min hu l-edukatur li huwa responsabbli għat-tifel/tifla tiegħi. | | | |
| 9 | L-edukatur jaf lit-tifel/tifla tiegħi bħala individwu. | | | |
| 10 | Iċ-ċentru joffri varjetà ta' esperjenzi ta' tagħlim li jippromwovu t-tagħlim u l-iżvilupp tat-tifel/tifla tiegħi. | | | |
| 11 | Ninsab sodisfatt bl-informazzjoni li nirċievi dwar il-progress u l-iżvilupp tat-tifel/tifla tiegħi. | | | |
| 12 | Iċ-ċentru jipprovdi opportunitajiet li fihom jien u t-tifel/tifla tiegħi nistgħu nipparteċipaw flimkien. | | | |
| 13 | It-tifel/tifla tiegħi huma kuntenti fiċ-ċentru. | | | |
| 14 | Tirrakkomanda ċ-ċentru lil ġenituri oħra? Iva____________ Le ____________<br><br>Għaliex? | | | |

## Appendiċi 3

**Mistoqsijiet għall-edukaturi biex jagħtu feedback waqt laqgħat individwali/ focus groups jew permezz ta' kwestjonarji.**

1. X'inhi l-aktar ħaġa li togħġbok f'dan iċ-ċentru?

__________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________

2. X'inhi l-ikbar sfida tiegħek bħala edukatur f'dan iċ-ċentru?

__________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________

3. X'hemm bżonn li jitjieb f'dawn fl-oqsma li ġejjin: *it-Tmexxija, Prattiki Inklużivi, il-Programm ta' Tagħlim, l-Ambjent, l-Interazzjonijiet u r-Relazzjonijiet, Kollaborazzjoni mal-Ġenituri?*

__________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________

4. F'liema oqsma għandek bżonn aktar tagħlim professjonali?

__________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________

5. Xi kumment ieħor:

__________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________

## Appendiċi 4

### Observation Sheet

(Il-maniġer taċ-ċentru jimla din il-karta meta jkun qed josserva l-edukatur waqt opportunità ta' tagħlim u ħarsien.)

| | | |
|---|---|---|
| Data | Numru ta’ tfal fil-grupp | Età tat-tfal |
| Isem l-edukatur ewlieni | | |
| Deskrizzjoni tal-esperjenza tat-tagħlim/ħarsien | *Eżempji: logħob fiżiku barra, logħob messy kreattiv, bdil tan-nappy, għajnuna waqt ħin l-ikel* | |
| Osserva l-ambjent **fiżiku** | *Kif inhu organizzat l-ispazju fiżiku?*<br>*Hemm riżorsi u/jew kotba aċċessibbli?*<br>*L-ispazju fiżiku huwa organizzat b'tali mod li jħeġġeġ lit-tfal jistaqsu, jesperimentaw u jesploraw firxa ta' riżorsi u materjali?* | |
| Osserva l-**ippjanar** tal-edukatur | *L-edukatur ippjana għall-esperjenza tat-tagħlim?*<br>*L-ippjanar tal-esperjenza tat-tagħlim huwa riflessjoni tal-interessi tat-tfal?*<br>*L-ippjanar huwa marbut ma' kisbiet speċifiċi tat-tagħlim?*<br>*L-edukatur ħejja riżorsi speċifiċi għall-esperjenza tat-tagħlim?*<br>*L-edukaturi ppjanaw sabiex l-ambjent fiżiku jkun marbut mal-proġett li qed jiġi żviluppat?* | |
| Osserva **l-livell ta' parteċipazzjoni** tat-tfal | *It-tfal huma involuti fl-esperjenza tat-tagħlim/ħarsien?*<br>*Kemm huma involuti u qed jipparteċipaw?*<br>*It-tfal huma impenjati għal ħafna mill-ħin tal-attività jew parti mill-ħin?*<br>*Kif inhuma involuti? Hija attività ta' rutina jew attività kreattiva?*<br>*It-tfal huma kkonċentrati fuq l-attività jew huma faċilment distratti?* | |
| Osserva l-mod kif l-edukatur **jikkomunika** mat-tfal | *Kemm qed jikkomunika u jinteraġixxi tajjeb l-edukatur mat-tfal?*<br>*Hija komunikazzjoni bidirezzjonali, jiġifieri kemm l-edukatur kif ukoll it-tfal qed jitkellmu ma' xulxin?*<br>*L-edukatur isib opportunitajiet biex jestendi l-konverżazzjoni mat-tfal?* | |
| Osserva **l-lingwa** li qed tintuża mill-edukatur u mit-tfal | *Liema lingwa qed tintuża matul l-attività ta' tagħlim/ħarsien?*<br>*L-edukatur tfal qed juża lingwa waħda matul l-esperjenza tat-tagħlim/ħarsien b'mod effettiv?*<br>*Kif jikkomunika u jinteraġixxi l-edukatur meta l-lingwa tad-dar tat-tfal ma tkunx il-Malti jew l-Ingliż?* | |
| | Il-ħiliet tal-edukatur waqt l-attività tat-tagħlim/ħarsien: | |
| | Oqsma għat-titjib: | |

Firma tal-Maniġer taċ-Ċentru

Firma tal-Edukatur